**25 ta' Jannar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emanuel Borg

*versus*

John Xuereb

**Bejgħ ta' Oġġett mhux tal-Kwalità Pattwita – Dritt tal-Kumpratur Eżerċitat *"Per Via di Eccezione"* – Dekadenza**

*Jekk il-venditur jikkonsenja ħaġa mhux tal-kwalità pattwita jew mhux bħal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċeviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli b'għeluq is-sentejn mill-bejgħ.*

*Fil-ġurisprudenza nostrana hu ormai prinċipju stabbilit li d-drittijiet imsemmija jistgħu jiġu eżerċitati anki "per via di eccezione".*

*Il-perijodu ta' sentejn huwa wieħed ta' dekadenza bir-riżultat li jekk il-kompratur jonqos li jeżerċita d-dritt mogħti lilu kontra l-venditur fi żmien sentejn ma jistax jeżerċita l-istess dritt "per via di azione" u anqas "per eccezione" wara li jkun iddekorra dak it-terminu.*

*Kull argument dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni huwa rrilevanti għax il-perijodu ta' sentejn mhux perijodu ta' preskrizzjoni iżda wieħed ta' dekadenza.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Ġunju, 1982 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha Emanuel Borg wara illi ppremetta illi John Xuereb, il-konvenut, xtara mingħand id-ditta *"Modern Bathrooms"* li tagħhom l-istanti huwa proprjetarju, diversi oġġetti tal-kamra tal-banju versu l-prezz komplessiv ta' Lm814.74,5;

U illi l-konvenut ħallas akkont is-somma ta' Lm575.47,5 b'dan illi l-bilanċ dovut huwa ta' Lm239.27,0;

Talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' Lm239.27,0 bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' oġġetti lilu mibjugħa u kkonsenjati;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja,, ta' l-10 ta' Lulju, 1981 u ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru, 1981 u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fil-11 ta' Awissu, 1982, li fiha qal illi t-talba attriċi kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, peress illi l-materjal ossia *"glazed tiles"* minnu forniti ma kinux tal-kwalità pattwita iżda ta' kwalità inferjuri kif kien sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 1986 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut

u ċaħdet it-talba ta' l-attur u ordnat li l-ispejjeż minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jitħallsu żewġ terzi mill-attur u terz mill-konvenut u rriservat għall-attur kwalunkwe azzjoni lilu spettanti kontra l-konvenut, minħabba l-aġir tal-konvenut imsemmi fis-sentenza u;

*Omissis;*

Rat a fol. 59 in-nota ta' l-appell ta' l-attur u a fol. 61 sa 63 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat a fol. 65 ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut għall-appell ta' l-attur li biha għar-raġunijiet fiha kontenuti ssottometta li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok l-appellant qiegħed jissottometti li l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix dik naxxenti mill-garanzija għad-difetti li ma jidhrux iżda hija dik naxxenti mid-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili in forza ta' liema jekk il-venditur jikkonsenja ħaġa mhux tal-kwalità pattwita jew mhux bħal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kompratur jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew li jirċeviha bi tnaqqis fil-prezz fuq stima ta' periti u din l-azzjoni hija preskrivibbli

b'għeluq is-sentejn mill-bejgħ;

Fit-tieni lok l-appellant jissottometti li din id-disposizzjoni ma tistax tiġi nvokata *"per via di eccezione"* u f'kull każ, il-konvenut ippreżenta dina l-eċċezzjoni tliet snin u xahar wara l-bejgħ. Għalhekk għadda l-perijodu preskrittiv li ma ġie qatt interrott;

Għal mument din il-Qorti hi tal-fehma li minħabba l-aspetti legali nvoluti li jistgħu jwasslu għas-soluzzjoni tal-każ fuq bażi legali għandha tissofferma fuq dawn l-ewwel aggravji qabel ma tikkonsidra l-kumplament ta' l-appell;

Illi din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' l-appellant meta ssottometta li l-eċċezzjoni tal-konvenut appellat hija mogħtija fit-termini ta' l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti anki l-istess konvenut appellat mir-risposta ta' l-appell tiegħu u anki mit-trattazzjoni evidentement qed jinvoka l-imsemmi artikolu;

Din il-Qorti però ma taqbel xejn ma' l-appellant li d-dritt imsemmi f'dak l-artikolu ma jistax jiġi eżerċitat *"per via di eccezione"*. Infatti fil-ġurisprudenza nostrana hu ormai prinċipju stabbilit li d-drittijiet imsemmija fl-imsemmi artikolu jistgħu jiġu eżerċitati anki *"per via di eccezione"* (ara f'das-sens "Portelli *vs* Laferla Vol. XXX.I.751);

Stabbiliti dawn il-massimi legali jibqa' tiġi kkunsidrata s-sottomissjoni l-oħra ta' l-appellant u ċjoè li fi kwalunkwe każ il-konvenut iddekada mid-dritt li jonvoka d-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu msemmi billi laħqu għaddew is-sentejn li jimponi l-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi anki din il-kwistjoni ġiet deċiża diġà diversi drabi minn dawn il-Qrati fis-sens li l-perijodu ta' sentejn stabbilit fl-imsemmi artikolu hu perijodu ta' dekadenza bir-riżultat li jekk il-kompratur jonqos li jeżerċita d-dritt mogħti lilu bl-artikolu 1390 kontra l-venditur fi żmien sentejn ma jistax jeżerċita l-istess dritt *"per via di azione"* u anqas *"per eccezione"* wara li jkun iddekorra dak it-terminu. Infatti kif ingħad *in re* Zammit Cutajar *vs* Licari (Vol. XXIX.III.137) kif il-ġurisprudenza fil-każ ta' l-azzjoni redibitorja dejjem irriteniet li l-kumpratur ma jistax jagħti l-eċċezzjoni meta spiċċa ż-żmien ta' l-azzjoni l-kumpratur ma jistax jagħti l-eċċezzjoni meta spiċċa ż-żmien li seta' jagħmel l-azzjoni. "L-istess kien ġie deċiż *in re* Clo. Mangion *pron et noe vs A.M. Galea noe* (Vol. XXIV.II.629) u ċjoè li *"Più di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione"* u fis-sentenza l-oħra riportata fil-Vol. XXXI.I.678 *in re* Vincenti *vs* Mazzitelli u ċjoè li d-dritt taħt l-artikolu 1390 għandu jiġi eżerċitat fi żmien sentejn liema perijodu hu wieħed perentorju;

Issa m'hemmx dubju illi l-eċċezzjoni tiegħu *de quo* hu għamilha aktar minn sentejn wara li mhux biss kien irċieva l-madum, imma sabu in parti ħażin u kompla bit-twaħħil tiegħu. Ma jirriżultax li hu stess istitwixxa xi azzjoni għar-risoluzzjoni tal-kuntratt jew li esperixxa minn jeddu l-azzjoni *vel quanti minoris* fit-termini ta' l-artikolu 1390 imsemmi. Isegwi għalhekk li anqas ma seta' jinvoka l-istess artikolu biex jagħti l-eċċezzjoni li ta ġaladarba kienu għaddew inutilment is-sentejn li ssemmew;

F'dan ir-rigward kull argument dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni huwa rrilevanti għax kif ġà osservat il-perijodu ta' sentejn previst mill-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili mhux perijodu ta' preskrizzjoni iżda wieħed ta' dekadenza bbażat fuq ir-raġonament spjegat fil-ġurisprudenza ċċitata illi ġaladarba l-

kumpratur li jkollu lanjanza dwar il-kwalità ta' l-oġġett la jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt u anqas jitlob prezz inqas fi żmien sentejn ma jistax imbagħad jippretendi dawn id-drittijiet wara;

Fil-każ in diżamina għalhekk qed jiġi stabbilit li l-konvenut iddekada mid-dritt li jagħti eċċezzjonijiet fit-termini ta' l-artikolu 1390 stante li kien baqa' passiv fis-sentejn li kellu biex jekk kellu pretensjoni kontra l-venditur seta' jesparixxi waħda mill-azzjonijiet disponibbli għalih skond l-imsemmi artikolu;

*"Ex abbundantia"* però, din il-Qorti trid tirrileva żewġ ċirkostanzi oħra li għandhom rilevanza kbira f'dan il-każ. L-ewwel ċirkostanza hi waħda ta' fatt u tirreferi għall-fatt li l-Perit tekniku nnominat mill-ewwel Onorabbli Qorti eskluda kategorikament dak li asserixxa l-konvenut u ċjoè li d-difetti fil-madum *de quo* żviluppa gradatament wara t-twaħħil. Il-Perit kien kategoriku fuq hekk u allura jsegwi li l-konvenut ma setax ma ndunax bid-difett mill-ewwel u għalhekk una volta għażel li jkompli bit-twaħħil anzi jitterminah bid-difett b'kollox ma jistax issa jippretendi dak li qed jippretendi fl-eċċezzjoni tiegħu. Infatti bl-eċċezzjoni tiegħu hu mhux qed jippretendi li għandu jħallas prezz inqas iżda li ma għandu jħallas xejn u ċjoè qed jippretendi li l-attur jieħu kollox lura u hu ma jħallas xejn;

Fil-fatt ma hemmx dubju li fil-każ ta' konsenja ta' oġġett mhux tal-kwalità pattwita l-kompratur jista' jagħżel li jżomm l-oġġett u jippretendi li jħallas prezz inqas u ġie wkoll diversi drabi ritenut minn dawn il-Qrati li r-riċezzjoni ta' l-oġġett u l-użu tiegħu mill-kumpratur allavolja jkun konsapevoli li mhux tal-kwalità pattwita jeskludi mbagħad il-possibilità li l-istess kumpratur jagħżel li jitlob ir-risoluzzjoni tal-bejgħ. Infatti kif ġie deċiż f'Mizzi *vs* Refalo *noe* (Vol. XXI.III.49) *"il rifiuto della*

*mercia non è più possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte*". L-istess ġie deċiż minn din il-Qorti *in re* "Buttigieg *vs* Hirst (Vol. XXXII.I.163) u ċjoè illi "x-xerrej għandu dritt jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ meta l-oġġett ma jkunx konformi għall-ftehim avolja jkun irċieva l-oġġett sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess". Fil-każ preżenti l-Perit tekniku kif ingħad kien kategoriku fis-sens li spjega li ma jistax ikun li l-konvenut ma kienx konxju tad-difett meta għażel li jwaħħal il-madum kollu. Il-konvenut għalhekk ma jistax jagħżel li jirritorna l-madum *de quo;*

It-tieni konsiderazzjoni hi li jidher mill-provi li l-konvenut induna bid-difetti f'numru żgħir ta' madum meta t-twaħħil kien għadu fil-bidu tiegħu. Immedjatament irritorna l-madum l-ieħor li kellu għad mhux imwaħħal u l-attur bidilhomlu. Sadanittant il-konvenut kien irrifjuta li l-attur jaqla' a spejjeż tiegħu l-madum li ġà kien twaħħal, dana għax fi kliemu stess il-fatt li l-madum difettuż kien ftit ma kienx jipprejokkupah u kien lest iżommu. Issa skond il-perit il-madum il-ġdid ukoll kellu wħud li kienu difettużi u li d-difetti mmanifestaw irwieħhom immedjatament u mhux wara t-twaħħil;

Isegwi għalhekk li l-konvenut ma setax ikompli bit-twaħħil tal-madum jispiċċah u mbagħad jippretendi dak li qed jippretendi ċjoè li l-kuntratt jiġi risolut;

L-eċċezzjoni tal-konvenut għalhekk apparti l-aspett tad-dekadenza li hu determinanti kienet fi kwalunkwe każ insostenibbli kif inhi;

Kwantu għall-mertu din il-Qorti stante li l-kreditu jirriżulta u m'hemmx eċċezzjonijiet oħra mill-konvenut x'jiġu kkunsidrati,

m'għandhiex alternattiva ħlief li tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-appell;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-attur billi *tilqa'* l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata, u prevja li tirriġetta l-eċċezzjoni tal-konvenut *stante* li ddekada mid-dritt *hemm invokat*, tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif dedotti fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż *taż-żewġ istanzi* jkunu a kariku *tal*-konvenut appellat.